



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0011(NLE)**

---

**7671/24**  
**ADD 1**

**SOC 204**  
**EMPL 113**  
**ANTIDISCRIM 41**  
**GENDER 40**  
**SAN 154**  
**FREMP 143**  
**ILO 9**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol<br>- Dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u l-Ungerija |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u l-Ungerija rigward il-proposta msemmija hawn fuq.

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

**DWAR IL-PROPOSTA GĦAL**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL LI TISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI JIRRATIFIKAW IL-KONVENZJONI DWAR IL-VJOLENZA U L-FASTIDJU, 2019 (NRU 190) TAL-ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL**

1. Fil-prinċipju, l-Awstrija tenfasizza l-fehma legali tagħha li d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri biex jirrattifikaw il-konvenzjoni internazzjonali rilevanti ma toħloqx obbligu.
2. L-Istati Membri tal-UE huma kostitwenti awtonomi tal-ILO. Obbligu ta' ratifika jikkontradixxi l-prinċipju ta' tripartizmu minqax fil-Kostituzzjoni tal-ILO u l-Konvenzjoni Nru 144 tal-ILO tal-1976 ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE.
3. L-Awstrija tieħu nota tal-assigurazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li ser toqgħod lura milli tieħu passi legali kontra l-Istati Membri li jagħżlu li ma jirrattifikawx il-konvenzjoni.

---

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

### DWAR IL-PROPOSTA GĦAL

#### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL LI TISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI JIRRATIFIKAW IL-KONVENZZJONI DWAR IL-VJOLENZA U L-FASTIDJU, 2019 (NRU 190) TAL- ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL

L-Ungerija, b'kont meħud tal-parir tas-Servizz Legali tal-Kunsill ipprovdut matul in-negozjati, tixtieq ittenni l-fehma legali tagħha li ma hemm l-ebda ħtieġa legali li tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrattifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem: il-Konvenzjoni 190 tal-ILO), minħabba li l-Konvenzjoni ma tinvolvi l-ebda kompetenza esklużiva tal-UE. Aħna nosservaw li l-atti ta' seba' Stati Membri li diġà rrattifikaw il-Konvenzjoni *de facto* jikkonfermaw ukoll dik il-konklużjoni.

Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tieħu nota wkoll tad-dikjarazzjonijiet verbali multipli tal-Kummissjoni li mhijiex ser tieħu passi biex tinforza r-rattifika tal-Konvenzjoni mill-Istati Membri anke jekk tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, l-Ungerija tinnota b'dispjaċir il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill inkwistjoni. F'dan ir-rigward infakkru li l-Coreper ikkonkluda fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Mejju 2023, li jirrakkomanda lill-Kunsill japprova dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti tiegħu, fejn il-Kunsill jinnota li l-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ma tistax tintlaħaq għall-adozzjoni tad-deċiżjoni proposta tal-Kunsill. Huwa ta' dispjaċir li ma sarx segwitu għall-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Coreper.